**GĦAXAQ**

**KUNSILL LOKALI GĦAXAQ** **RAPPORT ANNWALI AMMINISTRATTIV**

***IL-KUNSILL*** ***2010***

---

Dan ir-rapport ikopri l-ħidma għas-sena kalendarja 2010. Din hija t-tieni darba li anke bħala rapport finanzjarju qed tkun koperta sena sħiħa minn Jannar sa Diċembru.

L-attendenza għal laqgħat tal-Kunsill kienet waħda sodisfaċenti. Saru 29 il-laqgħa tal-Kunsill din is-sena, fejn ukoll matulha kienu jsiru laqgħat regolari tal-Kumitat tal-Finanzi waħdu jew kultant flimkien ma' laqgħat tal-Kunsill biex ikunu trattati materji mportanti u li kienu jeħtieġu deċiżjoni minnufih.

Il-Kunsill matul l-2010 kien kompost hekk:

| **Isem il-Kunsillieri** | **Kariga** |
|---|---|
| Emanuel Vassallo | Sindku |
| Joe M Abdilla | Viċi Sindku |
| Rose Agius | Kunsillier |
| Angelo Attard | Kunsillier |
| Alan Picco | Kunsillier |

**Impjegati**

| | |
|---|---|
| Therese Xuereb | Segretarju Ezekuttiv |
| Donna Mallia | Skrivana |
| Rita Said | Skrivan Part-time (Jan '10 – May'10) |
| Ruben Dimech | Skrivan Part-time (Jul '10 - ) |

## Organizzazzjonijiet

Ir-riżorsi umani permanenti tal-Kunsill issaħħu billi ġie ngaġġat skrivan *part time* biex nkomplu nkunu ta' servizz lill-komunita' Għaxqija.
Il-ħaddiema tal-Gvern u tal-IPSL assenjati magħna komplew jgħinu fit-tisħiħ infrastrutturali u kellna wkoll żewġ ħaddiema mill-ETC biex jieħdu ħsieb il-ġonna w ukoll ħaddiema mill-Faċilita' Korrettiva għal xogħol ieħor speċifiku fir-Raħal.
Il-Kunsill baqa' jżomm relazzjonijiet tajba wkoll mal-Għaqdiet tal-qasam tal-voluntarjat fir-Raħal u entitajiet oħra li huma parti essenzjali fil-ħidma ta' kuljum tagħna, inkluż dawk li m'humiex fl-istess lokal.

## Ħidma Ġenerali

Irrid insemmi dak li sar fir-Raħal mill-Kunsill għaliex f'dak li sar kien hemm strateġija li jsiru l-ewwel il-prijoritajiet, u ma jsirx infieq bla bżonn jew iżjed milli meħtieġ.

Ix-xogħol primarju tal-Kunsill ma nbidilx minn dak li kien fil-passat, għalkemm bil-finanzi ma jkunx possibbli li jsir dak kollu li wieħed jixtieq. Il-parti l-kbira tal-fondi jkunu allokati fuq kuntratti speċifiċi.

Bi qbil mas-Surmast tal-Iskola Primarja din is-sena erġajna organizzajna Skola Sajf u b'hekk dawk il-ġenituri li jkunu jaħdmu t-tnejn ma jkollhomx problemi fil-vaganzi tas-sajf. Barra minn dan, il-Kunsill applika għal fondi għal attivitajiet sportivi permezz ta' skema organizzata mill-Kunsill Lokali, il-Kunsill Malti għall-Isports u l-Iskola Primarja tagħna. Dan hu proġett li erbgħin tifel u tifla se jibbenefikaw minnhu.

Il-Kunsill ukoll nvesta fi proġett li se jiġi jiswa' mitt elf ewro f'*mini pitch* li dan kważi wasal fil-fażi finali tiegħu u beda jintuża. Ma' dan il-grawnd il-Kunsill beda jibni ġnien u bandli biex it-tfal jkollhom fejn jirrikrejaw ruħhom. Il-grawnd u wkoll il-bandli ġew mgħammra bis-sistema tal-pannelli fotovoltajiċi biex niffrankaw l-elettriku u jitnaqqsu l-emissjonijiet. Il-Kunsill ħaseb ukoll biex il-proġett ikun aċċessibbli għal persuni bi ħtiġijiet speċjali.

Fejn jidħol xogħol ta' toroq, il-Kunsill din is-sena għamel tlettax il-waħda bit-tarmak, u ħareġ l-offerta biex permezz tal-Iskema tal-PPP, li ġiet mnidija mill-Gvern Ċentrali, il-Kunsill ikun jista' jagħmel 33 triq oħra u r-Raħal ikollhu mad-90 fil-mija tat-toroq b'tarmak ġdid.

Wara li matul is-sena l-Kunsill għamel pressjoni fuq il-Gvern Ċentrali, mad-Dipartiment tat-Toroq u mal-WSC, ir-residenti fl-inħawi tal-Andar li kienu ilhom is-snin bla servizz tad-drenaġġ, sa fl-aħħar jinbeda il-proġett u b'hekk ikollhom toroq kif jixirqilhom u ambjent ħafna aħjar.

Matul is-sena l-Kunsill investa fl-istaff billi żied jaħdem miegħu skrivan *part time* sabiex inkunu nistgħu nifitħu nhar ta' Sibt, hekk inkunu qed nagħtu servizz aħjar u għal tul ta' ħin iżjed matul il-ġimgħa.

Il-Kunsill ġie mogħti rikonoxximent tal-parteċipazzjoni tiegħu lejn l-intrapriżi żgħar li hawn fil-lokal.

## Kultura

Il-Kunsill ħa ħsieb ukoll biex ikabbar l-organizzazzjoni tal-Festi tal-Karnival fir-Raħal, peress li dan hu qasam li dejjem kien rinomat għalih. Il-problema qed tkun il-limitazzjoni tal-fondi disponibbli li jkollna allokati biex jintużaw għal qasam kulturali.
Il-Kunsill ġie mogħti wkoll d-devoluzzjoni tat-Turretta li tinsab f'Dawret Hal Għaxaq, u se jara kif jista jgħamel użu tagħha favur il-Kultura.

## Edukazzjoni

Il-Kunsill kompla bil-proġett Skola Sajf għat-tfal minn Kinder 1 sa Year 2 proġett li dejjem qiegħed ikun ta' suċċess. Ma' dan il-proġett il-Kunsill żied l-"*After School Sports"* fejn għal jumejn fil-ġimgħa t-tfal jibqgħu wara l-ħin tal-Iskola fejn ikollhom attivitajiet sportivi sabiex dawn iżommu ruħhom kemm jista' jkun attivi. Il-Kunsill kompla wkoll jinvesti f'aktar kotba għall-Librerija.

## Sigurta'

Il-Kunsill baqa' jżomm kuntatt mal-Uffiċċjali tal-Korp tal-Pulizija Distrettwali u mal-Gwardjani Lokali, biex ikunu diskussi l-problemi relatati mal-qasam tagħhom u nipprevjenu problemi li jistgħu jinqalgħu u wkoll biex inkomplu fejn hu possibbli nedukaw lir-residenti fejn jidħol maniġġjar fit-toroq u kontra abbużi.

## L-Uffiċċju tal-Kunsill u l-kuntatt mar-Residenti

Biex il-Kunsill żamm kuntatt mar-residenti ħa ħsieb jorganizza attivitajiet minn żmien għal ieħor bħal ikliet għal anzjani u *coffee mornings*. Dawn isiru bla qliegħ u jkunu huma stess li jħallsu għalihom.

Fl-istess waqt tajna servizz liċ-ċittadin fis-sens ta' korsijiet, possibilta' li jħallsu kontijiet tad-dawl, ilma u telefon, minbarra dawk li huma obbligu tagħna bħal ħlas tal-kirjiet, tal-permessi, tal-ħwienet u ċitazzjonijiet. Servizz ieħor huwa it-tilqim kontra l-influwenza għal dawk li huma ntitolati.

Matul l-2010 l-Kunsill rċieva numru sostanzjali ta' lmenti. Minn dawn numru konsiderevoli, anzi l-parti l-kbira, ġew solvuti, speċjalment fejn kien jiddependi materji mill-Kunsill Lokali jew jaqgħu fil-kompetenza tagħna.

Għal futur il-Kunsill se jkompli bil-ħidma biex itejjeb is-servizzi kollha li jista' joffri. Huwa diffiċli li tlaħħaq mal-problemi kollha li jkun hawn fir-Raħal, iżda żgur li qed isir dak kollu possibbli biex b'hekk jiġu mħarsa l-liġijiet tal-pajjiż bl-aħjar mod possibbli. L-ikbar sfida se tkun l-ġbir tal-iskart u l-ħidma biex ir-residenti jadattaw ruħhom għaċ-ċirkostanzi li kienu mponuti fuqna.

Hemm bżonn li jsir sforz għal edukazzjoni tar-residenti li għandhom jissistematizzaw ruħhom mal-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart u s-separazzjoni għaliex inkella jkunu qed jissograw li jsiru spezzjonijiet fuq min jabbuża mill-ambjent u jkunu qed jesponu ruħhom għal multi kbar ambjentali. Il-ħtieġa li nieħdu ħsieb is-saħħa tar-residenti jista' jwassal għal ċitazzjonijet li aħna nixtiequ li jkunu evitati anke għal fatt li d-dehera tal-ħmieġ fil-lokal, apparti l-mard, ikerrah ukoll l-ambjent ta' madwarna.

**Therese Xuereb**
Segretarju Eżekuttiv

.